**Seduta Nru:** 4-16

**Data:** 29 ta' Marzu 2016

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Preżenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Pawlu Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata

**MINUTI**

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

**1. QARI TAL-MINUTI**

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret fi Frar 2016.

2. Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

## 3.Hwejjeg li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 3.16):

Punt 4.6 – il-Kunsill reġa iddiskuta il-problema tal-ħamiem fil-lokal u l-proċedura li tista tittieħed bl-għajnuna tad-Dipartiment tas-Saħħa.

Il-Kunsill ħa vot għar-rigward is-sitwazzjoni spejgata hawn fuq u ġie deċiż illi ser tittieħed din il- proċedura skond ir-regoli stipulati u skond il- maġġoranza tal-voti tal- Kunsilliera.

Il-Kunsilliera Maria Sultana saħqet illi hija ma qablitx minħabba illi il-ħamiem jaf ma jintlaqtx f'rasu biċ-ċomb ma' l-ewwel u b'hekk isofri qabel ma jmut.

Punt 4.10 – Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi l-isqaq viċin Triq Santu Rokku huwa wieħed privat skond l-informazzjoni tal-Pulizija wara li s-Seg.Eżek. stess talbet l-għajnuna tagħhom.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar email li rċeviet mingħand grupp bl-isem ta' 'Make Malta Dog Friendly' fejn dawn qed jitolbu suġġerimenti minn għand il-Kunsilli Lokali biex f'kull lokal ikun hemm inħawi ta' rikreazzjoni għal klieb.

Filwaqt li l- Kunsilliera saħqu li fil- lokal tal-Kalkara ma tantx hawn inħawi li jistgħu isiru ta' rikreazzjoni għal klieb, is-Sur Chris Bruno issuġerixxa l-inħawi ta' Wied Għammieq fejn hemm ħafna għelieqi abbandunati.

4.2.Is-Seg.Eżek.infurmat il-Kunsill illi waħda mill-iskips il-ħodor li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ġiet maħruqa minn xi individwi wara li tefgħu ammont ta' skart goff fiha.

Hija spjegat ukoll illi il-kuntrattur ikkonferma illi f'dawn l-iskips ma jkunx hemm aktar minn 3 boroż suwed imma dejjem ikunu mimlijin bi skart goff.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-iskips il-ħodor għandhom jitneħħew minn dawn l-inħawi minħabba illi r-residenti ta' l-inħawi jistgħu joħorġu l-boroż wara il-bieb tagħhom u jinġabru mill-kuntrattur stess kif diġa qiegħed isir

Is-Seg.Eżek. saħqet ukoll illi fl-istess ħin anki il- 'Bring in Sites' ta' l-inħawi mhumiex qed ikunu użati għal l-iskart irriċiklat imma għal iskart goff ukoll.

Filwaqt li l-Kunsill qabel illi tajjeb li jitwaħħlu kameras, pero' fl-istess ħin il-Kunsill m'huwiex f'sitwazzjoni illi jagħmel dan l-istess 'Bring in Sites' għandhom jiċċaqilqu aktar l-isfel fit-Triq priċipali fejn l-istejġ ta' Triq Santu Rokku bħala prova.

Il-Kunsill ser ikun qed jibgħat ittra bl-informazzjoni ta' hawn fuq lir-residenti ta' l-inħawi kollha.

4.3.Is-Seg. Eżek. Infurmat il-Kunsill dwar ħafna ilmenti m'għand residenti li joqgħodu in-naħa ta' Triq Santu Rokku rigward il-karozzi li jgħaddu b'sewqan eċċessiv minn din it-Triq dejqa u l-periklu li qed joħolqu għal dawn l-istess residenti.

Filwaqt li is-Seg.Eżek. spjegat illi 'Traffic Calmers' m'humiex ser ikunu is-soluzzjoni f'din it-Triq minħabba illi ser ikun hemm ilmenti mod ieħor fuq l-istorbju li jagħmlu il-karozzi stess huma u għaddejjin minn fuqhom, tajjeb li dawn l-ilmenti jintbgħatu lil Transport Malta għal gwida u approvazzjoni tagħhom biex jitwaħħlu tabelli kif ukoll jinżebgħu sinjali tat-traffiku ma l-art b'liema veloċita wieħed għandu jgħaddi.

Fl-istess ħin is-Seg. Eżek. ser tkun qed tibgħat mail lil 'TM' għall-approvazzjoni tal-parkeġġi quddiem ir-'Red House' fl-istess inħawi ta' Triq Santu Rokku fejn diġa qed jipparkjaw il-karozzi mingħajr kaxxi stipulati.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

4.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar invit għall wirja tas-Soċjeta' Maltija ta' l-Ortikultura fil-ġonna ta' San Anton.

Il-Kunsill qabel illi jekk ikun hemm xi ħadd mill- Kunsill / jew f'isem il-Kunsill jagħmel arranġament ta' fjuri jew ħaxix għal din il-wirja jista jagħmel dan bla problemi ta' xejn. Dan l-istess arranġament jiġi mgħoti lid- Dar tal-Providenza wara.

Il-membri kollha tal-Kunsill huma kollha mistidnien li jattendu din il-wirja.

4.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar kumpanija ġdida bl-isem 'Paint Malta' fejn dawn ġew jippreżentaw ix-xogħol tagħhom il-Kunsill aktar kmieni dan ix-Xahar waqt laqgħa informali mas-Sindku u s-Seg.Eżek. stess. Din il kumpanija ser tkun qed taħdem fuq mappa dettaljata li tinkludi it tlett ibliet kif ukoll il-Kalkara.

Il-Kunsil Lokali Kalkara ser ikun qed jgħin lil din il-kumpanija f'xogħol ta' stampar, propoganda u f'dak kollu li jkollom bżonn li ma jinvolvix spejjeż minn naħa tal-Kunsill.

**5. Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku infurmat lill Kunsill illi ser ikun qed isir xi xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill in-naħa tal-ex Rinella Housing Estate.( tikħil, żebgħa etċ.)

5.2 Is-Sindku infurmat lill- Kunsill illi ser ikunu qegħdin jithawlu sigar ġodda fil-pots vojta li hemm mad-dawra tax-Xatt tal-Kalkara. Hija qalet ukoll li dawn mhux ser ikunu palm bħal kumplament li hemm imwaħħal minħabba li l- palm ġie projbit li jitwaħħal ħabba mard tas-siġra stess.

Is-Sur Chris Bruno qal illi tajjeb li l- persuni inkarigati mit-taħwil tal-pjanti tajjeb li jikkonfermaw li dawn is-siġar il-ġodda li ser jitħawlu ikunu b'saħħitom u jifilħu għal elementi tal-baħar.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi tajjeb li ser jitħawwlu dawn is-siġar ġodda pero' jibqa il fatt illi issa il-ħwat mhux ser ikunu uniformi minħabba it-tibdil tas-siġar.

5.3 Is-Sindku infurmat il- Kunsill illi ser ikunu qed jitressqu l-iskips aktar l-isfel li hemm fil-kantuniera qabel id-daħla ta' Triq is-Salvatur minħabba ilmenti tan-nies għar rigward il fatt illi l-iskips qegħdin ta' periklu maż-'Zebra Cross', għaliex is-sewwieqa li jkunu ħergien minn Triq is-Salvatur ma jkollhomx viżjoni ċara ta' minn qed jaqsam.

Is-Sindku qalet ukoll illi ser ikun qed jintilef parkeġġ.

Pawlu Bongailas saħaq illi fiż-żmien il-festa ser inkunu irridu nerġgħu inċaqalqu kollox mill- post biex ma jkunux ta' deterent għal l-armar tal-festa.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi fil-ġimgħa tal-festa isiru arranġamenti favur il-Każini skond it-talbiet tagħhom.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar attivita' li ser tkun qed tikkordina f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara bit-titlu 'Lejla Letterarja' fil- Kalkara. Din ser issir għal ħabta ta' 19 t'Awwissu 2016

Is-Sindku ser tkun qed tgħati aktar dettalji dwar din l-attivita' aktar tard kif ikolla kollox ikkonfermat.

5.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill kif ukoll irringrazzjat il-ħaddiema tal-Kunsill għax-xogħol ta' manutenzjoni li għamlu aktar kmieni dan ix-xahar fil-Librerija / Berġa tal-Kunsill stess.

5.6 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar mail li irċeviet minn għand is-Sindku tal-Birgu rigward proposta konġunta bejn il-Kottonera Ħaż-Żabbar u Kalkara biex isir 'Park and Ride' f'dawn in-naħat minħabba il-problema ta' parkeġġ.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi la darba il-Kunsill qabel ma din il-proposta tajjeb li kulħadd iżomm f'moħħu li l- 'Park and Ride' jista jiġi iffurmat fil-Kalkara minħabba illi ma' issemma l-ebda post f'dan l-istadju.

Il-Kunsill qabel illi tajjeb li jkun infurmat b'xi żviluppi fuq din il-proposta biex b'hekk ikollu ċans jesprimi il-viżjonijiet tiegħu speċjalment jekk tittieħed deċiżjoni li l- 'Park and Ride' jiġi fil-lokal tal-Kalkara.

5.7 Is-Sindku infurmat il Kunsill illi ser tkun qed taħdem fuq attivita' għas-sajf bħal ma għamlet fis-sena 2015 fejn il-ġbir imur kollu għal-karita.

Aktar dettalji jingħataw lill-Kunsill meta ikun hemm żviluppi fuq din l-istess attivita'.

5.8 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ħarġiet li ser tkun qed torganizza f'isem il-Kunsill nhar is-27 t'April għal-Anzjani u Familja ġewwa 'Villa Francia', kif ukoll, Ħarġa Kuturali fil-Gżira t'Għawdex għall-Irgiel fis-26 t'April 2016

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti

1. Is-Sur Bruno talab lis-Seg.Eżek.tiċċekja dwar ċint fi Triq il-Missjoni Taljana kantuniera ma' l-inħawi taċ-ċumnija jekk jaqax taħt il-Kunsill jew huwiex ċint privat, minħabba illi qegħdin jaqaw ċnagan minnu li qed ikunu ta periklu fuq il-bankina.

2. Is-Sur Bruno staqsa biex jikkonferma dwar l-attivita' tal-Mafkar li issir kull sena fis-6 ta' Ġunju.

Il-Kunsill kollu qabel illi għal din is-sena għandha issir Quddiesa u tqegħid tal-fjuri biss minħabba li minn sena għal-sena dejjem kienet qed tonqos l-attendenza tan-nies.

Ser tkun qed tintbgħat ittra lill-familjari u lill-Għaqdiet tal-lokal biex b'hekk minn ikun irid ipoġġi fjuri fuq il-Mafkar waqt din il-kommemorazzjoni ikun jista.

### 6.2 Il-Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti

1. Is-Sinjura Sultana fakkret lill-Kunsill dwar l-attivita' li ser tkun qed torganizza hi flimkien ma' l-iskola Primarja kif ukoll il-'GreenPak' ġewwa l-iskola stess.

Din l-attivita' imsemmija hawn fuq ser tkun qed issir fis-6 t'April 2016 fid-9:00am

2. Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed tieħu ħsieb illi tippreżenta ktieb jew kotba lill Kulleġġ Sta.Margerita Verdala f'Bormla, fl-okkażjoni ta' Jum iċ-Ċelebrazzjoni ta' din l-istess skola.

6.3 **Il-Kunsillier Is-Sur Pawlu Bongailas għadda dawn il-punti**

1. Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tikkordina laqgħa maż-żewġ Każini tal-Baned kif ġie miftijem aktar kmieni din is-sena mal-Każini stess rigward Jum il-Kalkara 2017 u l- Festa 2016

2.Is-Sur Pawlu Bongailas informa lill-Kunsill dwar il-ħsieb għal-Jum il-Kalkara 2016, biex aktar tard qabel is-sajf tiġi ikkordinata laqgħa biex tinbeda il-ħidma għal din il-ġurnata, biex jekk ikun ser ikun hemm xi tibdil fis-Sotto Kumitat u f'diversi materji oħra ikun kollox ikkordinat minn qabel.

6.4 **Il-Kunsillier Is-Sur Vince Bongailas għadda dawn il-punti**

1.Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek.tagħmel rapport formali rigward dgħajsa li qegħda ipparkjata in-naħa tal-'Married Quarters' minħabba li wieħed ma jistax iħalli dgħajsa barra f'parkeġġ ta' karozza

2. Is-Sur Vince Bongailas xtaq jirringrazzja il-ħaddiema tal-Kunsill għal fatt li ħadu ħsieb il-problema tal-ġrieden kbar ġewwa ix-Xatt tal-Kalkara kif ukoll talab li tkun segwita din il-problema

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 20 t'April 2016 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**